**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 157**

L-Erbgħa, 18 ta’ Ottubru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippresjeda.

## ATTENDENZA

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi u s-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Carmelo Abela u l-Onor. Eve Borg Bonello kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo u l-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri u l-Onor. Chris Said kienu skużati.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

## DEĊIŻJONI TAS-SEDJA

L-Ispeaker ta ruling fuq ilment tal-Onor. Rebekah Borg u tal-Onor. Justin Schembri li s-Sedja rċeviet permezz ta’ e-mail fil-11 ta’ Ottubru 2023, fir-rigward ta’ tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari li huma għamlu lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, dwar l-Audit Report tal-American University of Malta (AUM).

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 156 li saret fis-17 ta’ Ottubru 2023 kienu kkonfermati.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li s-Sedja laqgħet it-talba tal-Onor. Stephen Spiteri sabiex jidher bħala skużat fil-Minuti tas-Seduta 155 tas-16 ta’ Ottubru 2023, u kienet qiegħda tordna illi ssir il-korrezzjoni relattiva fl-imsemmija Minuti.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 11509 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2368 Tabella li turi l-fondi allokati għall-kampanja ta' neutering tal-qtates, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12238;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2369 Avviż Legali Nru 246 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Emenda Nru 3);

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2370 Site Plan f'Għajnsielem li turi s-sit alternattiv tar-rilokazzjoni għas-suldati li joperaw fil-komponent marittimu u tal-EOD fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta (AFM), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11489; u

f'isem il-Ministru għal Għawdex qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2371 Gozo Road Hierarchy - Map 6.2.1 - maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata Lulju 2006, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 11490; u

P.L. 2372 Tagħrif dwar xogħlijiet ta' natura ordinarja jew straordinarja li saru fl-iskejjel primarji u sekondarji f'Għawdex, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 11491.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Glenn Bedingfield, President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, irrapporta li fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma I li ltaqa' dakinhar, ġew ikkonsidrati 22 proposta leġiżlattiva għall-fini ta' Protokoll 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u rriżulta li 20 minnhom kienu konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2373 Lista tal-għoxrin proposta leġiżlattiva kkonsidrati għall-fini ta' Protokoll 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, lista taż-żewġ proposti li nżammu għal kunsiderazzjoni ulterjuri, lista ta' 9 proposti li ġew eżaminati permezz ta' e-mail fil-31 ta' Awwissu 2023 u lista ta' 9 proposti li ġew eżaminati permezz ta' e-mail fl-4 ta' Ottubru 2023.

**AWGURJU**

L-Onor. David Agius flimkien mad-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, ferħu lill-Onor. Ryan Callus għat-twelid tat-tieni tarbija tiegħu.

L-Ispeaker ingħaqad maż-żewġ naħat tal-Kamra fl-awgurju lill-Onor. Membru.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR L-AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI – ABBOZZ NRU 69**

Il-Kamra rriżumiet mis-17 ta' Ottubru 2023 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Randolph De Battista, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea u l-Onor. Jo Etienne Abela għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Albert Buttigieg, l-Onor. Claudette Buttigieg, l-Onor. Graziella Galea u l-Onor. Graziella Attard Previ għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jipprovdi dwar l-istabbiliment ta' Awtorità magħrufa bħala l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani u għall-eżerċizzju ta' dik l-Awtorità tal-funzjonijiet regolatorji rigward l-istabbiliment tal-istandards għal servizzi residenzjali, kwalunkwe faċilità oħra ġerjatrika u kwalunkwe servizz ieħor ta' natura ġerjatriku; kif ukoll sabiex tirregola s-setgħat, obbligi u riżorsi finanzjarji tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani mwaqqfa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; biex jirregola l-fornituri tas-servizzi u jistabbilixxi standards regolatorji għal servizzi differenti provduti lill-persuni anzjani minn aġenziji jew entitajiet pubbliċi jew privati u kwalunkwe entità jew persuna oħra; biex jistabbilixxi proċeduri għall-investigazzjoni tal-ilmenti kontra fornituri tas-servizzi u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet dwar is-setgħat kollha bħal dawn li jistgħu jkunu meħtieġa biex l-Awtorità taqdi l-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, talab il-permess sabiex iressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta' kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, minkejja li kien jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Il-permess ingħata.

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

Fis-6.56 p.m il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 23 ta' Ottubru 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**MOZZJONIJIET**

Mozzjoni ta' Proċedura li tirregola s-Seduta li fiha tinqara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 2024

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Gvern Lokali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |

Jew xi aġenda oħra li tiġi komunikata aktar tard.

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Ivan J. Bartolo, mill-Onor. Claudette Buttigieg u mill-Onor. Stephen Spiteri.

Fis-7.22 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 23 ta' Ottubru 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**